**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Frar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 66 / 09RGM

Kawza fil-lista: 6

**E S L**
**vs**
**X P W**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti, huwa cittadin Awstrijak, u illi ilu jghix Malta regolarment ghal dawn l-ahhar disa' (9) snin, kellu relazzjoni mal-konvenuta X P W ghal xi hames (5) snin, liema relazzjoni illum spiccat ghal kollox, imma il-partijiet ghandhom tifla, Z L, li twieldet fit-tlieta ta' Mejju, elfejn u tlieta (03.05.2003).

2. Illi meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien, ghall-ewwel sentejn u nofs wara it-twelid taghha, kien l-attur illi primarjament jiehu hsieb ta' bintu b'mod illi kien naqqas is-sieghat ta' xoghol sabiex jiehu hsiebha, waqt illi wara illi infirdu, ghall-ewwel kienet tirresjedi mal-missier sa Ottubru 2006, u wara bdiet tirresjedi ghand l-omm fejn Z kienet tithalla kuljum minn nhar ta' Tnejn sa nhar ta' Gimgha f'idejn in-nanny Grace Mugliett, kienu jarawha it-tnejn illi huma imma kienet tghix l-iktar mal-konvenuta.

3. Illi il-kontendenti mhumiex qeghdin jaqblu dwar numru ta' hwejjeg, fosthom kura w kustodja u access, manteniment u safar.

4. Illi l-attur kien ressaq ittra ghall-ftuh ta' proceduri ta' medjazzjont datata is-sbatax ta' Dicembru, elfejn u sebgha (17.12.2007), liema medjazzjoni nghalqet wara hafna laqghat u minghajr success permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-erbatax ta' Ottubru, elfejn u tmienja (14.10.2008), liema digriet gie estiz permezz ta' digriet tad-dsatax ta' Dicembru elfejn u tmienja (19.12.2008).

5. Illi ghaz-zmien illi fih bint il-kontendenti kienet qeghda tghix mal-konvenuta, hija kienet tithalla pratikament il-gurnata kollha man-nanny, waqt illi il-konvenuta tahdem xi disa' (9) sighat kuljum. Jidher illi hafna drabi meta tkun ma' ommha hija tithalla tara biss dvds u loghob tal-kompjuter u ommha ma jidhirx illi qeghda taghti lil bintha dik it-tip ta' attenzjoni illi vera tehtieg. Ta' spiss ukoll tghaddi granet shah fil-lukanda fejn tahdem il-konvenuta.

6. Illi l-attur invece huwa self-employed bhala konsulent ma' kumpanija tal-marketing tat-turizmu u jista' jirranga l-granet tieghu skond il-bzonn.

7. Illi l-attur huwa f'posizzjoni illi jaghti bizzejjed hin sabiex jiehu hsieb ta' bintu u jzommha ghandu, dana dejjem b'mod illi il-konvenuta jkollha hinijiet u granet meta toqghod ma' bintha hija stess ukoll.

8. Illi illum il-konvenuta ma thallix lill-attur jara lil bintu waqt il-gimgha, jaraha biss fil-weekends u hafna drabi lanqas biss jithalla ikellimha bit-telefon waqt il-gimgha.

9. Illi l-attur jixtieq illi, waqt illi il-kura u kustodja jigu akkordati konguntament bejn iz-zewg partijiet, Z normalment tirresjedi mal-attur u tmur ghand u ma' ommha min nhar ta' Gimgha fil-5.00 pm sa nhar ta' Hadd fl-10.00 am u darbtejn waqt granet tal-gimgha ghal saghtejn kull darba, preferibilment mill-5.00 sas-7.00pm.

10. Illi l-attur lbhalissa ihallas bhala manteniment lill-konvenuta ghal bintu, bi buona volonta tieghu, is-somma ta' mitejn Ewro (€200.00) ghal kull xahar, u ilu ghal zmien ihallas manteniment b'dan il-mod mill-bidu tas-sena 2006, ezatt minn meta l-partijiet infirdu. Ghas-snin 2006 u2007, l-attur kien hallas addirittura iktar minn tali ammonti,u dana kif ser jigi ippruvat waqt il-kawza. Recentement il-konvenuta irrifjutat cheque u ghalhekk issa l-attur mhux qieghed joqghod jghaddilha ic-cekkijiet biex imbaghad hija tirrifjutahom.

11. Illi illum pero`, is-sitwazzjoni hija differenti ghaliex (i) il-konvenuta ghandha introjtu ferm oghla minn tal-attur (ii) naqsu il-bzonnijiet finanzjarji ghal Z ghaliex ma ghadhiex titqabbad in-nanny illi kienet tinghata €349.41 fix-xahar (iii) l-attur qieghed jitlob illi waqt illi il-kura u l-kustodja tkun kongunta, it-tifla

tirresjedi l-aktar mieghu, u ghalhekk dana ghandu jittiehed in konsiderazzjoni bhala fattur illi jaghmel is-sitwazzjoni ferm differenti minn meta kienet qeghda ma' l-omm.

12. Illi l-attur huwa cittadin Awstrijak u ghalkemm huwa ilu residenti Malta ghal snin twal, huwa ghandu il-genituri tieghu gewwa l-Awstrija u fl-ahhar snin il-konvenuta qatt ma hallietu isiefer lil bintu sabiex huma jghaddu zmien maghha, imqar ghal erbghat (4) ijiem, u ilu ghalhekk ma jista' jiehu lil bintu ghal btala l-Awstrija sa mill-bidu ta'April, 2006.

13. Illi jehtieg; illi jinghata id-dritt lil Z illi issiefer ma missierha, u dana minghajr il-bzonn tal-kunsens ta' ommha, meta l-missier ikun qieghed jipproponi vjagg ragunevoli.

14. Illi in generali, recentement is-sitwazzjoni bejn il-kontendenti marret ghall-aghar ghaliex il-konvenuta sahansitra zammet lill-attur ghal gimghat shah 'il boghod minn bintu u meta jipprova jaghmel kuntatt hija tingurjah verbalment u meta tkun ser thallih jara lil binthom, tbiddel il-pjanijiet il-hin kollu fl-ahhar minuta. Il-konvenuta tallega ukoll bla ebda bazi illi l-attur huwa alkoholiku imma dana assolutament mhuwiex minnu.

15. Illi l-attur ressaq numru kbir ta' proposti strutturati dwar kif jistghu jigu solvuti il-kwistjonijiet bejn il-partijiet izda il-konvenuta qatt ma ressqet kontroproposti illi tista' tahdem fuqhom u baqghet tassoggetta il-possibilita` ta' ftehim dwar it-tifla ghal kundizzjonijiet illi riedet timponi ghal ftehim dwar konsiderazzjonijiet finanzjarji ta' kumpaniji illi kienu involuti fihom il-partijiet.

16. Illi l-konvenuta tagixxi assolutament kif trid hija dwar it-tifla. Dana taghmlu minghajr ebda kuntratt jew digriet illi jawtorizzaha sabiex tagixxi hekk, anki ghaliex ma jezistu sa issa ebda digrieti dwar kura w kustodja dwar it-tifla.

17. Illi il-konvenuta wkoll recentement bdiet procedura ta' medjazzjoni illi ma tatx frott - ghal darba ohra ghaliex il-konvenuta ma tridx tasal ghal ftehim u ma tigix lura b' kontroproposti - u issa huwa mistenni digriet ta' awtortzzazzjoni anki f' tali kaz.

18. Illi l-attur ilu jipprova jilhaq soluzzjoni sa minn Novembru, 2007 imma l-affarijiet, minkejja l-isforzi tieghu, flok ghall-ahjar, marru ghall-aghar.

19. Illi ghalhekk huwa kellu iressaq din il-kawza skond il-fatti illi huwa jaf kollha kemm huma personalment.

**Talbiet**

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, tghid ghaldaqstant il-konvenuta X P W ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1. Tafda il-kura w kustodja ta' Z L f'idejn l-attur u il-konvenuta konguntament u tordna illi hija tirresjedi mal-missier l-attur b'access ghal ommha il-konvenuta kull gimgha minn nhar ta' Gimgha fil-5.00pm sa nhar ta' Hadd fl-10.00 am u darbtejn waqt granet tal-gimgha ghal saghtejn kull darba mill-5.00 sas-7.00pm;

2. Tiffissa manteniment mensili illi il-konvenuta ghandha thallas lill-attur ghal bintha u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma hekk iffissata;

3. Tawtorizza lill-attur illi jsiefer mieghu lil bintu Z L minghajr il-htiega ta' kunsens espress ta' ommha il-konvenuta ghal perjodi illi f'kull sena kalendarja ma jaqbzux it-tletin (30) jum b'kollox, u tawtorizza lill-attur jinnotifika lid-Direttur tal-Passaporti b'tali ordni;

4. Taghti dawk l-ordnijiet kollha illi thoss opportuni fl-ahjar interess ta' Z L.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tieghu m'humiex kontestati hlief li l-konvenuta tiddikjara illi r-relazzjoni bejnha u bejn E Christion L damet biss tliet snin u nofs, u mhux hames snin kif qieghed isostni l-attur.

2. Illi il-fatti dikjarati mill-attur fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni huma kontestati. Il-konvenuta tiddikjara illi l-attur kien naqqas is-sighat tax-xoghol mhux biex jiehu hsieb lil bintu, izda biex ikollu iktar hin x'iqatta gol-bars sabiex ikun jista' jixrob. Il-konvenuta tiddikjara illi l-minuri Z dejjem ghexet maghha minn meta twieldet. Appena nfirdu l-attur kien mar jirrisjedi immedjatament ma' missier il-konvenuta, u l-konvenuta kienet thalli lil attur jara lit-tifla regolorment. Kien f'dan il-perjodu wkoll illi l-attur kien qal lil konvenuta li ma riedtx ikollu x'jaqsam mal-tifla izjed, u kien wara hafna sforzi da porti tal-konvenuta u ta' missierha illi l-attur accetta li jkompli jippartecipa fil-hajja ta' bintu. Peress illi l-attur dejjem ipprefera jonfoq flusu fuq l-alkohol u s-sigaretti, l-konvenuta bilfors kellha tirritorna lura x-xoghol biex tkun tista' tmanti lil bintha, u ghalhekk kienet

thallas lin-nonny imsemmija biex tahdilha hsieb it-tifla sakemm tispicca mix-xoghol.

3. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fit-tielet u r-raba' paragrafu tar-rikors guramentat tieghu m'humiex kontestati hlief li l-konvenuta ssostni illi l-partijiet ma setghux jilhqu ebda ftehim fil-medjazzjoni ghaliex fic-cirkostontzi partikolari tal-kaz, l-attur beda jaghmel domandi eccessivi u rragonevoli u meto l-esponenti ma ceditlux, beda jheddidha u jaghmlilha hajjitha difficli.

4. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fil-hames paragrafu fir-rikors guramentat tieghu huma kontestati. Mhux minnu li l-minuri tithalla tara biss dvds u loghob tal-kompjuter meta tkun ma' ommha. Z tirritorna lura ghand ommha mill-iskola fit-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar u fost il-gimgha ghandha rutina fissha. Apperna tasal il-hotel fejn tahdem ommha, Z tiekol u tibda l-homework fejn tigi mghejjuna minn ommha l-hin kollu. Tliet darbiet fil-gimgha ghandha t-tennis u l-ballet fejn ommha twassalha u tibqa' maghha waqt il-lezzjonijiet. Wara l-lezzjonijiet Z tmur d-dar m'ommha fejn din tahsilha, ttiha tiekol u anki tilghab ftit maghha. Bhalissa Z qeghda wkoll titghallem taqra, fejn ommha tqatta saghtejn kuljum maghha tghinna fl-istudju taghha.

5. Illi rigward il-fatti dikjarati mill-attur fis-sitt u s-seba' tar-rikors guramentat, l-konvenuta tiddikjara illi ma tafx x'qieghed jahdem l-attur bhalissa, pero' taf zgur li m'huwiex qieghed jaghtiha flus ghall-manteniment ta' bintu. L-attur gieli jiehu lil bintu s-Sibt u jitlaqa' gurnata mas-siehba tieghu ghax ikun xoghol, u ghalhekk il-konvenuta ma tistax tifhem kif l-attur qieghed jghid li jisfa' jirranga l-hinijiet tax-xoghol tieghu kif irid hu. Barra minn hekk, il-konvenuta tiddikjara wkoll illi hija wkoll hija self-employed, u f'kariga ferm ghola minn dik ta' l-attur ghaliex hija direttrici ta' lukanda. Ghalhekk hija wkoll tista' tirranga l-hinijiet kif tixtieq hi, kif fil-fatt taghmel kemm il-darba biex meta t-tifla tkun bil-vaganzi hija wkoll tkun bil-leave.

6. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fit-tmien paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. L-attur qatt ma talab lil konvenuta biex taghtih lil bintu matul il-gimgha, u matul is-Sajf l-attur ghamel perjodu jiehu lil Z u jhalliha granet mas-siehba tieghu filwaqt li hu johrog jixrob. L-attur rari jcempel biex ikellem lil bintu, u avza wkoll lil konvenuta li jekk iccempel hi s-siehba tieghu mhux ser twegibha. Il-mobile phone ta' l-attur ta' spiss ikun mitfi u jekk jigri xi haga lil minuri l-konvenuta ma jkollha ebda mezz biex tikkuntattja lill-attur f'sitwazzjonijiet ta' emergenza.

7. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fid-disgha paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. L-attur ma jridtx lil bintu fil-weekends ghaliex irid imur jixrob u jixxala flok jerfa' r-responsabbiltajiet ta' missier. L-attur kien qal lil konvenuta dan

il-kliem specifikament. Il-minuri tattendi attivitajiet barra mill-hin ta' l-iskola tliet darbiet fil-gimgha, li jikkonsistu f'tennis u ballet. Jekk dawn jinzertaw waqt il-hin ta' l-access ta' l-attur il-minuri tispicca biex ma tattendix. Dan ghaliex l-attur la qatt ha interess jiehu lil bintu dawn l-attivitajiet u lanqas qatt ikontribwixxa finanzjarjament lejhom. Barra minn hekk il-kura u l-kustodja tal-minuri kienet dejjem f'idejn il-konvenuta ghaliex hi dejjem hallset kull bzonn li kellha l-minuri u hadet hsiebha. Ghalhekk minkejja li m'hemmx dokument formoli li jaghti l-kura u l-kustodja tal-minuri Z lil konvenuta, il-fatti jitkellmu mod iehor.

8. Illi l-fatti dikjararti mill-attur fl-ghaxar u fil-hdax il-paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. Mhux veru li l-attur qieghed jaghti xi forma ta' manteniment lil konvenuta ghal bintu. Infatti, s-segwenti kienu l-kontribuzjonijiet ta' l-attur minn Dicembru 2007 sa llum:

a) fil-5.12.2007 Lm80 cheque li gie referred to drawer
d fl-24.12.2007 Lm80 cheque li gie referred to drawer
c) fil-21.01.2008 hallas €250 ghal Dicembru 2007 u Jannar 2008
d) fil-15.02.2008 hallas €200
e) fil-21.04.2008 ta lil konvenuta cheque to' €400 liema cheque ma giex iffirmat mill-attur u li fuqu ghamel stop payment
f) fit-8.10.2008 ta lil konvenuta cheque ta' €400 li gie referred to drawer

Ghalhekk f'perjodu ta' aktar minn sena l-kontribuzzjoni ta' l-attur, li jahdem, kienet tammonta ghal €450. Ta min jghid l-attur ipejjep pakkett u nofs sigaretti kuljum. Ghalhekk jonfoq aktar fuq is-sigaretti milli fuq il-manteniment ta' bintu.

Illi da parti taghha fl-2008 il-kontribuzzjoni tal-konvenuta ghal bintha kienet is-segwenti:

a) €3150 ghan-nanny
b) €162.08 health insurance
c) €398.67 tennis u ballet
d) €2097.15 skola u transport

Dan minbarra spejjez ta' lbies, ikel, sahha, uniformijiet, ecc.

Mill-bidu tas-sena 2009 s'issa, il-konvenuta hallset ukoll:

a) €795.44 fee ta' l-iskola li tithallas kull term, u li ma tinkludix stationery li jkollhom bzonn il-minuri fil-lezzjonijiet taghha,
b) €116.47 kontribuzzjoni ghall-iskola li tithallas darba fis-sena,
c) €l50 tennis u ballet

Dan minbarra spejjez ta' lbies, ikel, sahha, uniformijiet, ecc. Il-konvenuta tahdem proprju biex tkun tista’ trabbi lil bintha f 'ambjent tajjeb, u minhabba li l-attur abbandunahom finanzjarjament.

9. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fit-tnax u t-tlettax il-paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. Il-konvenuta ma tistax tifhem kif l-attur irid jiehu lil Z l-Awstrija meta lanqas biss qieghed jikkontribwixxi adekwatament ghal bzonnijiet ferm aktar necessorji taghha. Di piu' x'garanzija ghandha li bintha terga’ tigi lura Malta meta missierha m'ghandu ebda incentiv jigi lura. L-attur m'ghandu xejn Malta hlief karozza li qieghed ihallas bin-nifs. Impieg fl-Awstrija jsib u kwindi m'hu se jitlef xejn f 'kaz li jiddeciedi li ma jibqax jahdem Malta. M'hemm xejn xi jzomm lin-nanniet ta' Z biex jigu jaraw lil Z Malta, u l-prezz tal-passagg huwa tista' tghid l-istess.

10. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fl-erbatax il-paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. Il-konvenuta dejjem inkoraggiet lit-tifla biex tqatta' l-hin ma' missierha sakemm dan il-hin ma jkunx waqt hin ta' skola jew ta' l-attivitajiet li tmur il-minuri. Minkejja dan l-attur jippreferi jigi ghal bintu u jhalliha mas-siehba tieghu filwaqt li hu jerga johrog u jmur jixrob. Kien hemm drabi fejn il-konvenuta ma hallietx lil attur jara lil bintu, imma dejjem ghal ragunijiet validi u biex jipprotegi lil bintha, bhal meta jkun fis-sakra. L-attur ghandu karattru aggressiv hafna u ma jafx jikkomunika mal-konvenuta hlief biex jiddettala x'ghandu jsir. Huwa proprju l-attur illi qieghed jaghmel il-hajja tal-konvenuta nfern billi jcemplilha u jheddidha fuq it-telephone, specjalment waqt il-perjodu tal-Milied 2008 meta l-partijiet kienu diga' bdew il-proceduri tal-medjazzjoni. Huwa wkoll l-attur li jbiddel il-pjanijiet fl-ahhar minuta u jiddeciedi li ahjar imur jixrob minflok jigi ghal bintu kif ikun miftiehem u jqatta' l-hin maghha.

Di piu' l-attur huwo alkoholiku u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. L-alkohol eccessiv li jixrob kien ir-raguni ghala l-kontendenti nfirdu. L-attur kellu wkoll diversi incidenti tat-traffiku waqt li kien taht l-influwenza ta' l-alkohol, b'konsegwenza li jpoggi hajjet haddiehor fil-periklu.

11. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fil-hmistax il-paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. L-attur horeg b'hafna proposti li kienu se jharbtu kompletament ir-rutina tat-tifla minuri u ghalhekk il-konvenuta ma setghatx taccetta l-proposti tieghu. Di piu' hi pprezentatlu l-proposti taghha wkoll, pero' l-attur rasu iebsa u jekk l-affarijiet ma johodhomx kif irid hu ma jkunx irid jasal f'ebda tip ta' kompromess. Huwa wkoll mhux minnu li l-konvenuta xi darba rabtet l-access ta' Z ma' kunsiderazzjonijiet finanzjarji ta' kumpaniji illi kienu nvoluti fihom il-partijiet, u anzi dejjem inkoroggiet lil attur biex iqatta' l-hin ma' bintu.

12. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fis-sittax il-paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. Mhux minnu li l-konvenuta tagixxi kif trid hi dwar it-tifla, izda hi dejjem agixxiet skond l-interessi tal-minuri. Huwa wkoll mhux minnu li ma jezisti ebda digriet ghal dan l-effett. L-attur stess kien ipprezenta rikors fit-tmienja (8) ta' Jannar 2009 biex din l-Onorobbli Qorti takkordalu access pendente lite ghal bintu, liema rikors qatt ma gie notifikot lil konvenuta. Wara dan ir-rikors inghata digriet fid-dsatax (19) ta' Jannar 2009 bin-numru mitejn, hamsa u sittin tas-sena elfejn u disgha (265/09) fejn gie ordnat li l-attur ikollu access ghal minuri nhar ta' Erbgha bejn il-5.00pm u s-7.00pm u nhar ta' Sibt bejn l-10.00am u s-7.30pm. L-attur jaf li hemm dan id-digriet imma xorta ma jobdiehx, u jirritorna lit-tifla saghtejn iktar tard milli suppost meta jfettillu hu.

13. Illi l-fatti dikjarati mill-attur fis-sbatax u t-tmintax il-paragrafu tar-rikors guramentat huma kontestati. L-attur kien inghata l-fakolta' li jipprezenta kawza sad-19 ta' Frar 2009 u baqa’ ma fetahiex. Il-konvenuta ma setghetx tifhem ghala kien qieghed jahsibha u ghalhekk kellha tibda l-proceduri tal-medjazzjoni hi halli eventwalment tkun tista’ tistitwixxi l-kawza hi. Hi dejjem kellha nteress illi l-kwistjoni rigward il-minuri tigi regolorizzata darba ghal dejjem. L-attur impossibli tilhaq kompromess mieghu ghaliex ma jafx jikkomunika hlief biex jiddetta dak li jrid li jsir, u dan minkejja li m'huwiex jaghti ebda forma ta' manteniment lil bintu.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom u l-kawza tigi deciza skond il-kontro-talba li qeghda ssir kontestwolment ma' din ir-risposto guramentata ghas-segwenti ragunijiet:

l. Illi rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-minuri l-konvenuta ma taqbilx ghar-ragunijiet fuq esposti.

2. Illi rigward manteniment hija dejjem hallset kollox li ghandu x'jaqsam mal-minuri u huwa l-attur li ghandu jibda jhallas xi forma ta' manteniment lil bintu.

3. Illi rigward safar il-konvenuta ma tistax thalli lil attur jiehu lil bintha barra minn Malta meta hemm riskju kbir li din qatt ma tigi rritornata lura Malta.

4. Illi l-konvenuta taqbel li ghandhom jinghataw provvedimenti ohra u dan kif hija ser titlob lil din l-Onorobbli Qorti fil-kontro-tolbo taghha hawn annessa.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti qeghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt moghti lilha ai termini ta' l-artikolu tliet mija, disgha u sittin (396) tal-Kap tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant qeghda tipprezenta kontro-talba kontra E S L.

2. Illi il-kontendenti kellhom relazzjoni sentimentali ghal diversi snin, mill-liema relazzjoni twieldet Z L fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003).

3. Illi l-attur huwa alkoholiku u ta' spiss ikun sakran, u dan kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. L-attur jinbidel f'persuna abbuziva meta jkun f'dan l-istat, fejn ta' spiss jaghmel il-hajja ta' l-esponenti difficli u mimlija tensjoni. L-esponenti jkollha ssofri abbuz verbali, u minhobba l-biza li ghandha mill-attur, sahansitra torqod bil-bieb ta' barra u bil-bieb tal-kamra tas-sodda msakkrin u bil-minuri ma’ genba. L-attur kellu wkoll diversi incidenti tat-traffiku waqt li kien taht l-influwenza ta' l-alkohol, u jittraskura l-karozza tieghu b'tali mod li tigi ta' periklu kbir ghall-minuri li tkun passigiera mieghu, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi l-attur huwa ffissat fuq is-sess u l-pornografija, specjalment fuq it-tfajliet taht l-eta'. Meta kienu jghixu flimkien l-esponenti kemm il-dorba qabditu jhallas fuq l-internet biex jidhol go dawn is-sites pornografici. Di piu' kemm-il darba ammetta hu stess li jiffrekwenta prostituti u sahansitra ddeskriva fid-detall lill-esponenti fejn imur u x'isir ma' dawn in-nisa.

5. Illi l-attur jittraskura b'mod esagerat l-igene personali tat-tifla minuri meta tkun fil-kura tieghu, tant illi l-esponenti titqazzez tmissa meta tirritorna lura ghandha. Xahra ikun mimli riha ta' sigaretti, hwejjeg mtebbghin, zraben mimlijin bil-hmieg tal-klieb, u meta l-esponenti ssaqsi lill-minuri jekk tkunx inhaslet ghand missierha, l-minuri twiegeb li missierha jkun poggieha go banju bl-ilma biss u minghajr sapun. Di piu' l-attur jittraskura s-sahha ta' bintu b'mod allarmanti, fis-sens illi ma jemminx bil-medicini u meta l-minuri tinzerta qeghda fil-kura tieghu u tkun ma tiflahx, hu ma jtihiex il-medicina taghha li jkun ordnala t-tabib kif suppost, u jew jaqbad u jwaqqafielha, jew inkella jtiha tliet darbiet id-doza li supppost itiha, kif darba ghamel u allarma lil kullhodd.

6. Illi l-attur jghix ma' mara ohra li ghandha influwenza kbira fuqu. Din il-mara gieli cemplet lil esponenti quddiem il-minuri biex toqghod tajjarha u takkuzaha li hi omm hazina. L-attur u s-siehba tieghu jhobbu joqghodu jitkellmu fin-negattiv quddiem il-minuri, fatt li l-minuri tmur tghid l-esponenti appena tirritorna lura d-dar imbikkma.

7. Illi l-attur m'huwa jhallas ebda farma ta' manteniment lill-esponenti, u jippreferi jonfoq flusu fuq l-alkohol u s-sigaretti milli fuq bintu minuri. Il-kontribuzzjoni ta' l-attur lejn bintu kienet biss ta’ €450 f’iktar minn sena.

8. Illi l-attur dejjem esprima mibgheda kbira lejn Malta u l-Maltin, tant li mhux l-ewwel darba li qal li jrid jitlaq minn Malta u ma jirritorna qatt izjed. Malta m'ghandu xejn xi jzommu hlief dejn ta' karozzi mhux imhallsin, u jista' jitlaq

minghajr ma javza lil hadd, kif diga ghamel. L-esponenti m'ghanda l-ebda garanzija li l-attur ma jaqbadx u jiehu l-minuri barra minn Malta u ma jergax jirritornaha.

9. Illi ricentement l-attur kien ipprezenta rikors fit-tmienja (8) ta' Jannar 2009 biex din l-Onorobbli Qorti tokkordalu access pendente lite ghal bintu, liema rikors qatt ma gie notifikat lil konvenuta. Wara dan ir-rikors inghata digriet fid-dsatax (19) ta' Jannar 2009 bin-numru mitejn, hamsa u sittin tas-sena elfejn u disgha (265/09) fejn gie ordnat li l-attur ikollu access ghal minuri nhar ta' Erbgha bejn il-5.00pm u s-7.00pm u nhar ta' Sibt bejn l-10.00am u s-7.30pm. Ir-rikorrent kien jaf li hemm dan id-digriet imma xorta ma obdiehx, u jirritorna lit-tifla saghtejn iktar tard milli suppost. Meta l-esponenti saqsiet lil minuri ghaliex kienet giet tard, irrispondietha li missierha u s-siehba tieghu kienu qeghdin jilghabu 'board game'.

10. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personolment.

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kontro-talba.

Ghaldaqstnat, in vista tal-premess, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorobbli Qorti joghgobha :

1. Tahtar Avukat tat-Tfal biex ihares l-interessi tal-minuri Z pendente lite;

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri Z lill-esponenti b'mod esklussiv inkluz billi taghti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi jekk ghandu jkun hemm access favur l-attur, dan ghandu jkun taht supervizjoni professjonali;

4. Tillikwida, tiffisa u tordna lil attur ihallas manteniment xieraq u adegwat skond l-introjtu finanzjarju ta' l-attur lil bintu minuri Z, u okkorrendo tiffissa l-modolitajiet kollha sabiex isir dan il-hlas;

5. Taghti kull provvediment iehor li din l-Onorobbli Qorti joghgobha taghti skond ic-cirkostonzi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem din l-Onorobbli Qorti, kontra l-attur li jibqa' ngunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti umilment jeccepixxi illi it-talbiet kollha tal-konvenuta rikonvenjenti barra l-ewwel wahda huma kontestati u ghandhom kollha jincahdu ghaliex huma ilkoll infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-esponenti umilment jeccepixxi illi huwa ma jopponix illi jinhatar Avukat tat-Tfal ghal binthom, u jissottometti wkoll illi ikun opportun illi jigi appuntat ukoll social worker jew psikologu.

Illi l-esponenti umilment jeccepixxi illi it-talba biex il-kura u kustodja tinghata esklussivament lill-konvenuta ghandha tincahad, ghaliex huwa fl-ahjar interess ta' bint il-kontendenti illi il-kura u kustodja taghha tkun kongunta bejn il-genituri taghha, u illi hija tirresjedi normalment mal-attur. L-allegazzjonijiet dwar xorb u pornografija, prostituzzjoni u negligenza lejn l-igjene tat-tifla huma assolutament foloz, kif huma wkoll l-allegazzjonijiet illi huwa jista' jkun ta' periklu kbir ghal bintu jew illi huwa u l-partner tieghu jitkellmu hazin fuq il-konvenuta quddiem it-tifla, u fil-fatt Elizia Vassallo qatt ma ghajjret jew akkuzat lill-konvenuta illi hija omm hazina. Lanqas ma huwa veru li l-attur jobghod lill-Maltin, li ma jridx joqghod f'Malta jew illi jitlaq minn Malta bla ma jghid lil hadd, jew illi ma obdiex xi digriet tal-Qorti.

Illi l-esponenti umilment jeccepixxi illi it-talba sabiex attur ikun l-access tal-attur taht supervizjoni professjonali ghandha tincahad, inter alia ghaliex assolutament ma hemmx bzonn ta' hekk ghaliex 1-allegazzjonijiet kollha tal-konvenuta huma biss qlajjiet malizzjuzi fabbrikati mill-konvenuta stess.

Illi l-esponenti umilment jeccepixxi illi it-talba illi l-attur jhallas manteniment lil bintu minuri Z ghandha tincahad (i) ghaliex mhuwiex lecitu illi pagament isir direttament lill-minuri (ii) ghaliex l-attur fit-talba principali qieghed jitlob li t-tifla tirresjedi abitwalment mieghu u flimkien ma' hekk huwa qieghed jitlob manteniment minghand il-konvenuta.

Illi ghas-suesposti ragunijiet it-talbiet kollha tal-konvenuta rikonvenjenti barra l-ewwel wahda ghandhom jincahdu fl-intier taghhom bl-ispejjez kollha kontra r-istess konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenjenti illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Jannar 2009, li permezz tieghu iffissat il-hinijiet ta' access tal-attur ghall-minuri kull nhar ta' Erbgha bejn il-5pm u s-7pm u nhar ta' Sibt bejn l-10am u s-7.30pm.

Rat in-nota tal-attur tal-4 ta' Mejju 2009, li permezz taghha pprezenta seba` affidavits, inkluz tieghu stess flimkien ma' numru ta' dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju 2009, li permezz tieghu appuntat lil Dr Stephanie Galea bhala Avukat tat-Tfal sabiex tisma` lill-minuri.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 2010, li permezz tieghu appuntat lil Dr Graziella Bezzina bhala Perit Legali sabiex tisma` x-xhieda u tipprezenta r-rapport taghha sal-25 ta' Novembru 2010.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea pprezentat fl-20 ta' Lulju 2009 (fol 233).

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru 2009, li permezz tieghu iffissat il-manteniment pagabbli mill-attur ghall-minuri pendente lite, fl-ammont ta' €140 fix-xahar, flimkien ma' nofs l-ispejjez skolastici, attivitajiet extra-kurrikulari u medici.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-14 ta' Ottubru 2009 li permezz taghha pprezentat ghaxar affidavits, inkluz taghha stess, flimkien ma' numru ta' dokumenti annessi.

Semghet ix-xhieda viva voce tal-konvenuta, kif ukoll ta' missierha Anthony P W waqt is-seduta tal-1 ta' Dicembru 2016.

Rat u kkunsidrat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Provi</u>**

L-**attur** jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 55) u jghid inter alia illi huwa gie jahdem Malta fl-2000 u ltaqa` mal-konvenuta fl-2002. Ftit wara li bdew johorgu flimkien inqabdet tqila u ghalhekk iddecieda li jibqa` Malta sabiex jiehu responsabbilta` ta' missier, ghalkemm ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta ma kinitx b'sahhitha. Jghid li xahar wara li twieldet it-tifla, l-konvenuta regghet bdiet tahdem u hu kien jiehu hsieb lit-tifla madwar 80% tal-hin, filwaqt li l-konvenuta kienet tiehu hsiebha madwar 20% tal-hin. Jghid li wara madwar sitt xhur, in-nanna materna ma setghetx tibqa` zzomm lit-tifla u ghalhekk bdiet tkun mis-7.30am sal-5pm ghand nanny Grace Mugliett. Jghid li kienu jmantnu lit-tifla fuq bazi 50-50.

Ftit wara li l-konvenuta bdiet tohrog ma' certu Luke Attard, it-tifla bdiet tkun izjed mieghu, fil-weekend u ghal parti kbira tal-gimgha. Meta it-tifla bdiet il-pre-school ma bdietx thallih jaraha daqshekk ta' spiss. Jghid li filwaqt li ghall-bidu kien hadha mieghu l-Awstrija bil-kunsens tal-konvenuta, meta spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom, l-konvenuta ma bdietx thallih isifirha. Jghid li l-konvenuta ma tantx ghandha pacenzja mat-tifla u peress illi ma ttijiex hafna attenzjoni tipprova tpattilha b'affarijiet materjali. Izda min-naha l-ohra hija thobb lit-tifla u ma thalliha nieqsa minn xejn. Jghid li l-konvenuta ma tissepparax il-fatt li huma ma ghadhomx flimkien mal-fatt li huwa dejjem jibqa` missier it-tifla. Jghid li darba offrietlu li ma jhallasx manteniment ghaliha jekk jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu fuqha, izda hu hassu offiz li setghet tipproponilu xi haga hekk. Jirribatti dak li qalet il-konvenuta fir-risposta guramentata taghha u fost affarijiet ohra jghid illi meta naqqas il-hinijiet tax-xoghol tieghu, dan kien minhabba t-tifla u mhux biex imur jixrob. Jghid li l-konvenuta ma setghetx tmexxi hotel u taghti l-attenzjoni necessarja lil bintha u ghalhekk it-tifla kienet tqatta` hafna hin man-nanny. Il-konvenuta dejjem irrifjutat arrangament mieghu sabiex izomm lit-tifla izjed, ghalkemm huwa ghandu hinijiet flessibbli. Jghid li issa huwa stabbilit Malta u ma hemm ebda raguni ghaliex ghandu jmur lura l-Awstrija. Jghid izda li l-genituri u n-nanniet tieghu ghandhom dritt li jaraw lin-neputija taghhom. Jghid li ma ghandux problema ta' alkohol u kellu incidenti bil-karozza bhal ma jkollu kulhadd.

Jixhed ukoll **Michael Anthony Chiaramonte** bil-mezz tal-affidavit (fol 45) u jghid inter alia illi l-attur huwa missier ezemplari u jiehu hsieb kemm is-sahha mentali kif ukoll dik fizika ta' bintu.

Tixhed ukoll **Jill Wilde** (fol 46) u fl-affidavit taghha tghid li spiss rat lill-attur ma' bintu. Kien anke jehodha x-xoghol mieghu is-sibtijiet. Tghid li dejjem ratu bhala missier responsabbli izda dan l-ahhar kienet qed tara lit-tifla inqas mieghu.

Jixhed **Neil Falzon** (fol 47) u fl-affidavit tieghu jghid inter alia illi huwa avukat u kellu c-cans li jiltaqa` ma' l-attur u bintu f'iktar minn okkazjoni wahda u dejjem agixxa ta' genitur tajjeb, jilghab maghha izda jikkoregiha wkoll meta jkun hemm bzonn. Jghid li l-gharusa tal-attur, Elizia wkoll ghandha ghal qalbha lill-minuri.

Tixhed ukoll bil-mezz tal-affidavit **Doris Vassallo** (fol 48) omm il-partner tal-attur li tghid inter alia illi taf lill-attur bhala bniedem rispettabbli u li jhobb hafna lil bintu. Tghid li hemm relazzjoni soda u ta' mhabba bejniethom u t-tifla hija bravi, vivaci u intelligenti.

Jixhed ukoll **Roderick Vassallo** bil-mezz tal-affidavit (fol 49) u jghid li huwa hu l-partner tal-attur u ilu jafu lill-attur ghal sentejn u nofs. Jghid li r-relazzjoni bejn

l-attur u bintu hija wahda sabiha fejn iqattghu hafna hin flimkien, Huwa jaghtiha l-attenzjoni necessarja u fejn ikun hemm bzonn izommilha wkoll.

Tixhed ukoll **Elizia Marie Vassallo**, il-partner tal-attur fejn fl-affidavit taghha (fol 51) tghid fost affarijiet ohra, illi hija teacher kwalifikata u ilha tghallem full time dawn l-ahhar ghaxar snin. Tghid li mill-ewwel laqatha l-fatt ta' kemm kien genitur tajjeb l-attur. Fil-bidu tar-relazzjoni taghhom kien staqsiha biex ma turiex affezzjoni lejh quddiem it-tifla ghaliex hi kienet l-ewwel mara li maghha kienet ratu t-tifla apparti ommha. Tghid li l-attur u bintu ghandhom relazzjoni tajba hafna u hu jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha. Tghid li meta t-tifla qaghdet maghha kien biss b'volonta` taghha u ghal ftit hin sakemm l-attur kien imur sax-xoghol jew sas-supermarket.

Il-**konvenuta** tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 284) u tghid inter alia illi l-attur kien imur jixrob gol-bars u xi kultant meta jmur lura d-dar kien ikun aggressiv lejha. Tghid li kien iqatta` xahar fis-sena ma jixrobx u l-affarijiet bejniethom kienu jmorru ahjar pero` mbaghad kien jerga` jaqa` fil-vizzju. Tghid ukoll li kien iqatta` hafna zmien fuq internet jara porn films. Tghid li wara li ntemmet ir-relazzjoni kien ammetta maghha illi kien imur mal-prostituti anke meta kienu ghadhom flimkien u dan ghalih ma kienx tradiment izda biss sess. Tghid li kien spiss ipejjep bit-tifla fil-karozza u jsuq taht l-effett tal-alkohol. Tghid li l-attur ghandu debiti maghha, ma' missierha u l-kumpanija ta' missierha. Tghid ukoll li kien jiffrekwenta wkoll strip joints u prostituti. Tghid li hi offrietlu li jtiha l-kustodja esklussiva u hu ma jhallasx manteniment, u ghalkemm kienet ghogbitu l-idea, qatt ma waslu ghal ftehim. Tghid li Eliza hija t-tielet mara li l-attur ghex maghha wara r-relazzjoni taghhom. Tghid ukoll li l-mawriet ta' bintha ghand missierha jinkwetawha minhabba n-nuqqas ta' igiene li tirritorna fih it-tifla. Tmur lura b'riha tinten ghaliex missierha ma jahsiliex, u jkollha mniehirha maqhmug u z-zarbun mahmug. Tghid li t-tifla tghidilha li l-attur u l-partner tieghu jitkellmu dwarha b'mod negattiv fil-presenza taghha. Tghid li huwa parti mill-mazuni li jixorbu hafna, u sahansitra darba ha lit-tifla mieghu f'wiehed mill-postijiet fejn jiltaqghu. Tghid li t-tir tal-attur huwa li jitlaq minn Malta.

Tixhed kif wara l-iskola, l-vann iwassal lit-tifla l-Hotel fejn tahdem ma' missierha u mal-boyfriend taghha. It-tifla taghzel xi haga x'tiekol, taghmel il-homework hdejha, imbaghad imorru ghall-attivitajiet taghha. Wara jmorru d-dar fejn tahsilha u ssajrilha waqt li t-tifla tilghab hdejha. Fil-weekends imbaghad imorru ghand il-familja. Tghid ukoll li t-tifla tmur tajjeb hafna mal-familja tal-boyfriend taghha. Tghid li mhux l-ewwel darba li sabet problema sabiex iggib il-kunsens tal-attur ghal htigijiet ta' sahha tat-tifla. Tghid ukoll li bosta mic-cekkijiet tal-manteniment li kien ghaddielha l-attur ma jissarrfux.

Jixhed missier il-konvenuta **Anthony P W** bil-mezz tal-affidavit (fol 386) u jixhed inter alia, illi l-attur ghamel zmien jahdem mieghu u kien ikun aggressiv ma' shabu, kien imur ix-xoghol xurban u kien ukoll approprija ruhu minn fondi tal-kumpanija izda qatt ma fittxu minhabba li hu missier in-neputija tieghu. Meta telaq mill-kumpanija sabu numru ta' files pornografici fuq il-kompjuter tieghu. Jghid li bintu spiss kienet icempillu u tghidlu li kienet wahedha mat-tarbija ghaliex l-attur kien hareg u ma kinitx taf fejn kien. Jghid li wara li r-relazzjoni tal-partijiet spiccat, huwa kien ha lill-konvenut jghix mieghu, u qabel ma jhallih jara lil bintu, kien jaccerta ruhu li ma kienx xorob.

Tixhed ukoll bil-mezz tal-affidavit **Mary Carmen P W** (fol 392) li tghid inter alia, illi meta l-partijiet kienu jghixu maghha, kienu dejjem jillitikaw dwar il-vizzju tax-xorb ta' l-attur. Tghid li huwa kissrilha l-Peugeot 206 Cabriolet u qatt ma hallasha danni. Tghid ukoll li kien irresponsabbli u kien isuq meta taht l-effett tal-alkohol. Tghid li l-attur huwa traskurat hafna fejn jidhlu flus.

Tixhed ukoll **Marie Claudette Scerri** bil-mezz tal-affidavit (fol 396) li tghid li l-konvenuta hija habiba kbira taghha u meta l-attur kien jahdem maghhom, kienet tinnota kemm kien aggressiv u kien jitfa` l-affarijiet ma' l-ufficcju b'rabja u jintimida lill-ohrajn. Tghid li kont ixxommlu r-riha ta' alkohol minn mili boghod. Tghid li gieli qabditu f'porn sites waqt ix-xoghol, u li kien disorganizzat u rresponsabbli. Tghid li huwa persuna vjolenti u semghatu jghajjat mal-konvenuta u anke gieli ghajjat maghha stess semplicement biex jaqla` l-inkwiet.

Tixhed **Tiziana Dalli** bil-mezz tal-affidavit (fol 399) li tghid li hija l-accountant tal-Hotel Kennedy Nova. Tghid li l-attur kien aggressiv ma' kulhadd u kien ikollu dejjem riha ta' alkohol qawwija. Tghid li meta telaq mill-ufficcju, hi sabet ritratti ta' nisa gharwenin fl-istess folders li fihom kellu ritratti tat-tifla u sabet ukoll films porn. Tghid li huwa kien traskurat ukoll fil-flus, u sa dak in nhar kellu jaghtu lura lill-kumpanija madwar €2800.

**Lyndsey Micallef**, receptionist gewwa l-Hotel Kennedy Nova tixhed bl-affidavit (fol 401) u tghid inter alia illi sa mill-bidu li ltaqghet ma' l-attur hija kienet tafu bhala alkolizzat u kienet impressjonata b'kemm alkohol kien kapaci jixrob. Tghid li kien aggressiv ma' kulhadd specjalment ma' impjegata ohra Erika u nies ohra timidi. Tghid li t-tifla dejjem tkun kuntenta l-hotel u titkellem tajjeb dwar ommha u tghid lil kulhadd kemm thobbha.

Tixhed ukoll bl-affidavit **Sandra Jane Camilleri** (fol 403) li tahdem bhala administrator il-Hotel Kennedy Nova, u tghid inter alia, illi l-interessi partikolari tal-attur huma x-xorb u n-nisa. Meta jixrob isir partikolarment aggressiv. Tghid li meta kien ghadu jahdem hemm, kienet spiss tisimghu isabbat u jitkellem hazin.

Tghid li kien jaqbad man-nisa, u joffendihom. Tghid ukoll li t-tifla kuntenta hafna ma' ommha u qatt ma ssemmi lil missierha.

Tixhed **Erika Debono** bil-mezz tal-affidavit (fol 405) u tghid inter alia, illi hija minn dejjem taf lill-attur bhala alkolizzat. Tghid li meta fuq ix-xoghol kien juza l-kompjuter taghha, kienet issib hafna dating sites fuqu. Tghid li darba l-attur kien qed jitkellem ma' rgiel ohra li kien attenda strip clubs gewwa Bugibba u kien staqsiha biex ma tghidx lill-konvenuta. Hi kienet qaltilha u hu kien irrabja hafna maghha u kien beda jitfa` l-affarijiet mal-hajt u jsabbat. Din kienet tigri kull darba li kienet tghid lill-konvenuta b'xi haga li ma riedihx tkun taf. Tghid li fil-Milied tal-2005, kien mar fuqha direttament u qalilha li jekk il-konvenuta kienet telqitu biex tohrog ma' Luke Attard, huwa ma kienx ser ihalliha tara izjed lit-tifla. Tghid li l-ikbar interessi tieghu huma l-akohol, is-sigaretti u n-nisa.

Jixhed **Luke Attard** bil-mezz tal-affidavit (fol 409) u jghid li hu l-gharus tal-konvenuta. Jghid li t-tifla zzomm hafna go fiha u toqghod attenta li ma tikkawzax problemi. Jghid li meta tmur lura mill-iskola, hija tirrakontalhom kollox, izda meta tigi lura minn ma' missierha tkun kwieta u hosbiena. Jghid ukoll li l-attur jittraskura l-igiene u s-sahha tat-tifla.

Jixhed ukoll **Michael Attard** bl-affidavit (fol 413) fejn jghid inter alia, illi huwa missier l-gharus ta' l-konvenuta. Jghid li t-tifla hija close hafna ma' ommha u tmur tajjeb ukoll ma' ibnu Luke. Jghid li tiehu pjacir tmur id-dar tieghu u tilghab ma' uliedu izghar. Jghid pero` li meta missierha kien igibha lura ghandhom, jew ikun wasal il-hin biex jigborha minn ghandhom, it-tifla tinbidel u ma tkunx trid tmur.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2016 tixhed il-**konvenuta** viva voce, fejn fost affarijiet ohra tghid illi fis-sena 2010, l-attur telaq lura lejn pajjizu u ma baqax jikkuntattja lil bintu. Tghid li dejjem kienet hi l-persuna li mantniet lil binthom. Tghid li xi sena wara rritorna Malta ghal ftit granet u ra lil bintu darbtejn. Taf li issa ghandu zewgt itfal fl-Awstrija. Tghid li l-attur ilu ma jikkuntattja lil bintu izjed minn sentejn. Tghid li hija tahdem bhala direttur ta' hotel.

Waqt l-istess udjenza jixhed ukoll missier l-konvenuta **Anthony P W**, li jghid inter alia, illi t-tifla ghandha kwazi erbatax-il sena u dejjem rabbietha l-konvenuta, edukatha u hadet hsieb is-sahha taghha. Jghid li l-ahhar li l-attur gie Malta fis-sena 2010-2011 fuq business u rega` sparixxa. Jikkonferma li l-attrici hija direttrici tal-hotel Kennedy Nova u li thallas ghal bzonnijiet kollha tat-tifla mill-paga taghha.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Provvedimenti Legali applikabbli ghall-kaz</u>**

L-Artikolu 93 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"93. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 89, il- ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti tagħhom l-istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bħalma għandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ, u dawk it-tfal għandhom kwantu għall-axxendenti tagħhom u qraba oħra l-istess jeddijiet u dmirijiet li għandhom tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ."*

L-Artikolu 7 tal-Kap. 16 jipprovdi:

*"7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

In kwantu l-obbligi versu l-ulied tal-genituri mhux mizzewga huma identici bhal dawk tal-genituri mizzewga, japplikaw ukoll is-segwenti provvedimenti.

L-Artikolu 3 B tal-Kap 16 jipprovdi:

*"3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż- żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta' ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf: Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għallobbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149."*

L-Artikolu 19 tal-Kap 16 jipprovdi:

*“(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.”*

L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi:

*“(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’ min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort’oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa’ f’daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta’ kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta’ kull interess benefiċjarju taħt trust.”*

Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija mghobbija bir-responsabbilta’ li f’kull kaz li jikkoncerna minuri, tara li d-decizjonijiet li tiehu ikunu gwidati minn konsiderazzjonijiet dwar x’inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Tali responsabbilta’ hija regolata bl-artikolu 149 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi :-

*“149. B’dak kollu li jinsab f’kull disposizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici, il-Qorti tista, jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-propjeta’ ta’ persuna li tkun taht l-eta’ kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.”*

**<u>Gurisprudenza in materja</u>**

In vena legali, ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 5 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet **Marion Meli vs Emanuel Meli**, fejn b'referenza ghal gurisprudenza ulterjuri in materja l-Qorti sahqet:

*"...din il-Qorti thoss li taqbel mal-ewwel Qorti li dan hu wiehed minn dawk il-kazi fejn il-kuntatt bejn l-ulied u l-genituri aktar jaghmel hsara milli gid.*

*Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Cutajar v. Amelia Cutajar (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet; "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal dawn in xorta ta' din il-kawza huwa dak tal-aktar utitlita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu irrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".*

*Dan il-hsieb li huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi fl-ahjar interess tal-minuri.*

*Anke fil-kawza fl-ismijiet Jennifer Portelli v. John Portelli (25 ta' Gunju 2003) l-istess Qorti qalet li "il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew fil-ligi antika u anke dik vigenti kif ukoll ta' gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantagg ghall-interess tal- istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissugerixxu".*

L-istess jghodd ghal tfal imwieldin minn genituri mhux mizzewwgin.

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal li:

*"...meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti maghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri".*

Applikati l-principji su-citati ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata liz-zewg partijiet konguntivament, filwaqt li hi tirrisjedi mieghu, b'modalita' ta' access xieraq favur il-konvenuta ommha. Il-konvenuta rikonvenzjonanti tikkontesta t-talbiet attrici billi titlob li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament lilha.

Jirrizulta mill-provi illi l-minuri minn twelidha dejjem ghexet ma' ommha l-konvenuta. Jirrizulta wkoll li ommha dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet kollha taghha u f'dan l-kaz, anke in vista tal-allontanament tal-attur minn Malta, ma hemm assolutament l-ebda dubbju li l-ahjar interess tal-minuri hu li tibqa` tghix kif min dejjem ghamlet ma' ommha.

Il-Qorti hi tal-fehma, anke tenut kont tal-fatt li l-attur jirrisjedi f'pajjiz iehor u l-komunikazzjoni bejn il-partijiet jidher li hija skarsa, illi decizjonijiet dwar is-sahha, edukazzjoni u safar tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-konvenuta qua "custodial parent". Dan jinghad anke ghaliex diversi drabi jigri illi dwar dawn il-materji jkun mehtieg li jittiehdu decizjonijiet fi zmien qasir u ma jkunx fl-interess tal-minuri illi tali decizjonijiet jigu mtawla konsegwenza tal-fatt li ma jkunx hemm qbil bejn il-genituri, jew ghaliex ma tkunx tista` ssir komunikazzjoni mal-missier.

Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-minuri ghandha tigi fdata fil-kura u kustodja esklussiva tal-konvenuta ommha, bil-fakulta` li tiehu wahedha d-decizjonijiet kollha rigwardanti hajjet l-istess minuri.

**<u>Access</u>**

Dwar l-access tal-missier ghall-minuri, jirrizulta mill-provi li filwaqt li lejn il-bidu tal-proceduri odjerni, l-attur kien qieghed jara lill-minuri regolarment, tant li anke fir-rapport taghha, l-Avukat tat-Tfal tissottometti illi filwaqt li l-minuri kienet kuntenta tghix ma' ommha, kienet ukoll kuntenta li tara lil missierha u li kienet tiltaqa mieghu regolari, jidher li dan ma baqax il-kaz minn meta l-attur telaq definitivament minn Malta, madwar is-sena 2010/2011.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2016, il-konvenuta tixhed illi fis-sena 2010, l-attur telaq lura lejn l-Awstrija u halla kollox pendenti gewwa Malta. Tghid li gie lura darba biss, sena wara, u raha lit-tifla, izda mill-bqija tisma` minghandu biss sporadikament, u issa ilu ma jaghmel kuntatt mat-tifla izjed minn sentejn.

Huwa minnu li l-attur assenti jghix barra minn Malta izda n-nuqqas tieghu li jikkomunika mal-minuri, mqarr bil-mezz telefoniku ghal zmien tant twil, jindika lil din il-Qorti li hu tilef kull interess fit-tifla. Dan juri indifferenza kbira da parti tieghu, kif l-istess juri l-fatt li qieghed jonqos ghal kollox milli jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintu. Ghalhekk fic-cirkustanzi, ghalkemm il-Qorti ma thossx li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex tikkonkludi li access tal-attur lejn il-minuri jista` jkun ta' hsara ghall-istess minuri, qed tirrizerva d-dritt lill-attur, illi f'kaz li fil-futur huwa jiddeciedi li jerga` jibni relazzjoni ma' bintu, ghandu qabel xejn taghmel talba lill-Qorti ghal dan il-ghan.

**Manteniment**

In vista tal-verbal registrat quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn il-konvenuta rikonvenzjonanti ddikjarat illi hija ma hijiex qed tinsisti ghat-talbiet rigwardanti l-manteniment, stante li llum il-gurnata ma ghandha ebda informazzjoni dwar fejn l-attur jista` jkun qieghed jahdem, din il-Qorti sejra tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar manteniment ghall-minuri peress li qed tikkonsidra tali talba irtirata. Jekk u meta l-attur jirritorna Malta, jew f'kaz ta' informazzjoni gdida li tigi a konjizzjoni tal-konvenuta rikonvenzjonanti, hija tkun tista' tadixxi lill-Qorti mill-gdid bit-talbiet taghha fir-rigward ta' manteniment ghall-minuri skont ic-cirkostanzi li jkunu jissussistu dak iz-zmien.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talbiet attrici in toto, tiddisponi mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba rikonvenzjonali in kwantu l-Avukat tat-Tfal ghall-minuri giet nominata fil-mori tal-kawza .

2. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Z esklussivament f'idejn ommha l-konvenuta, b'dan illi kwalsiasi decizjonijiet dwar is-sahha, edukazzjoni u safar tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-konvenuta wahedha.

3. Tichad it-tielet talba rikonvenzjonali b'dan illi jibqa' impregudikat id-dritt tal-attur illi jadixxi l-Qorti mill-gdid jekk u meta jkun hemm bdil fic-cirkostanzi.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba rikonvenzjonali in kwantu qed tikkonsidraha irtirata f'dan l-istadju filwaqt li jibqa' impregudikat id-dritt tal-konvenuta rikonvenzjonanti li tadixxi lill-Qorti dwar dawn l-istess talbiet jekk u meta jkun hemm bdil fic-cirkostanzi.

5. Tichad il-hames talba rikonvenzjonanti.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat.

**Imhallef** **Deputat Registratur**